# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Henry Hank Aquilina

Illum 4 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Henry Hank Aquilina, bin Paul u Emilia nee Pace, imwieled fil-02/07/1967 u joqghod City Vale, Flat 3, Triq iz-Zaghrun, Zabbar, ID 295467M.

Billi int akkuzat talli fil-5 ta' Dicembru, 2021 ghall-habta ta' 06.45 hrs fi Triq tas-Sejba, Mqabba soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni HHQ 040;

1. B'manjiera traskurata;
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
3. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;
4. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkagunajt hruq, jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt

xi haga, minhabba f’hekk Karol Fenech batgha offiza gravi fuq il-persuna, minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta skond kif iccertifika Dr. Alexandra Galea MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 328( c) Kap 9 Art 15(1)( a) (2) u-L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat in-nomina tal-Perit Robert Musumeci fis-7 ta’ Novembru, 2022

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 1573 J Callus** xehed permezz ta’ affidavit

**It-Tabiba Alexaandra Grech** xehdet permezz ta affidavit u viva voce

**Dr Robert Musumeci** ezebixxa Dok Rm u xehed viva-voce fuq l-istess.

**Karol Fenech** xehed quddiem il-Qorti u fuq il-post tal-incident fejn indika b ‘”x” fil- pjanta Dok B fejn kien fil-mument tal-incident bejn il-hajt u t-truck ,fejn ma kienx hemm bankina .

**George Cassar** xehed dwar l-incident u kif il-midrub kien go kantuniera.

**Ikkunsidrat**

Illi l-incidnet sehh tord tal-midrub Karol Fenech li kien go kantuniera , bejn Truck u hajt fejn ukoll ma kienx hemm bankina. L-imputat ma kienx f'posizzjoni li jarrah. Dan ifisser li l-imputat mhux hati tal-imputazzjonjiet fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 328( c) Kap 9 Art 15(1)( a)(2) u-L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

ma ssibx lil Henry Hank Aquilina hati tal-imputazzjonjiet fil-konfront tieghhu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**